**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 11 ta' Ottubru, 2017

Rikors numru : 431/2016 AL

AB
VS
CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

Illi l-partijiet izzewgu nhar is-sebgha u ghoxrin ta' Marzu tas-sena elfejn u erbgha (27/03/2004), hekk kif jidher mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'A', u minn dan iz-zwieg kellhom iben wiehed, LB li twieled nhar il-wiehed u ghoxrin ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbgha (21/08/2004) u llum ghadu minorenni, hekk kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok. "B".

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt min-Nutar Pubbliku Dr. Marco Burlo LL.D., mill-hmistax ta' Dicembru tas-sena elfejn u sitta (2006) kopja ta' liema kuntratt qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dokument 'C'.

Illi l-partijiet ilhom separati de jure sa minn Dicembru tas-sena elfejn u sitta (2006) u ghaldaqstant ilhom aktar minn erba` (4) snin separati.

Illi m’hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li l-partijiet ilhom aktar minn erba` snin mifrudin;

Illi m’hemm l-ebda manteniment dovut ghal xulxin stante li ai termini tal-Artikolu 2 tal-istess kuntratt ta’ separazzjoni l-partijiet irrinunzjaw ghad-dritt taghhom li jitolbu l-manteniment minghand xulxin. Fir-rigward tal-manteniment ghat-tifel minuri taghhom, l-esponenti ma thallas ebda manteniment anzi tircievi l-istess manteniment, hekk kif jidher fil-klawsola numru 6 tal-istess kuntratt.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, il-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

> Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie ccelebrat nhar is-sebgha u ghoxrin ta’ Marzu tas-sena elfejn u erbgha (27.03.2004) bejn il-partijiet;
>
> Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan ikun hekk registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet taghha tat-28 ta’ Settembru 2016;

Semghet lill-imputat, prezenti fl-awla, jiddikjara li ma kellu l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-15 ta’ Dicembru 2006;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.